MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 833/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond J Borg**

**Vs**

**Mariosa Chircop**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mariosa Chircop ta’ 25 sena, bint George Chircop u Jane nee’ Callus, imwielda Rabat, Ghawdex, data tat-twelid nhar l-1 ta’ Awwissu 1978 u toqghod Andrea, Flats, Flat 1, Triq Mons A Cilia Zebbug, Malta, bin-numru ta’ l-Identita’ 20578 (G)

Talli fit-30 ta’ Mejju, 2004, ghall-habta ta’ l-4.30pm u fil-granet ta’ qabel, Pjazza San Filippu, Zebbug ikkommettiet serq ta’ Lm400.00 fi flus billi ghamlet uzu minn *ATM card* fil-*branch* ta’ l-HSBC ghad-detriment ta’ Claire Cassar liema serq hu kwalifikat bil-mezz u l-valur.

Aktar talli fl-istess data u fil-granet ta’ qabel,fil-post Shamrock Court, Flat 2, Triq Mons Anton Cilia, Zebbug, b’qerq fethet jew gaghlet li jigi miftuh oggett postali li kellu jigi kkusinjat, jew b’qerq ghamlet xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunikat jew ghamlet uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh.

Aktar talli fl-istess data u qabel din id-data f’dawn il-gzejjer sew jekk f’Malta jew barra minn Malta xjentement laqghat ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Aktar talli rrendiet ruhha recidiva b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Awlu Nru 2 nhar id-29 ta’ Ottubru 1997, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Ottubru, 2004, fejn gie mahtur ufficjal tal-Probation, sabiex isegwi lill-istess imputati, taht Ordni Provizorja ta’ Supervizjoni, *ai termini* tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-ammissjoni tal-imputata maghmula fis-16 ta’ Dicembru, 2004 fl-istadju tal-ezami, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata, wara li din inghatat iz-zmien xieraq bil-Ligi.

Rat l-Artikoli 261, 263, 267, 334, 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputata, issib lill-istess Mariosa Chircop hatja tal-akkuzi kif dedotti, u tordna li titqieghed that Ordni ta’ *Probation* ghal perjodu

ta’ 3 snin *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* tordna il-hrug ta’ garanzija favur il-parti civili indikata fl-akkuza, ai termini tal-Artikolu 383, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghal perjodu ta’ sena, taht penali ta’ mitt lira maltin (Lm100.00).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------